



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 1/26

Il-Lussemburgu, 12 ta' Jannar 2026

Ftuħ u trasparenza: il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea timmodernizza l-komunikazzjoni diġitali tagħha

Illum il-Qorti tal-Ġustizzja nediet tliet novitajiet ewlenin għal informazzjoni aħjar lill-pubbliku u lill-professionisti legali: sit internet imfassal mill-ġdid, magna ta' tfittxija iktar moderna u pjattaforma awdjoviżiva ġdida għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej

Din l-evoluzzjoni tiffirma parti mit-tfittxija ta' għan kardinali: tqarreb il-ġustizzja Ewropea lejn il-pubbliku, iżżid it-trasparenza fl-attività tagħha u ttejjeb l-aċċess għall-ġurisprudenza tagħha.

Sit imfassal mill-ġdid, fil-qalba tal-ekosistema ta' komunikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

[Is-sit internet il-ġdid CVRIA](#) jikkostitwixxi l-pedament tal-komunikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-attività tagħha, kemm gudiżzarja kif ukoll istituzzjonali.

It-tfassil mill-ġdid sħiħ li sar huwa konformi mal-istandards tal-internet l-iktar reċenti u huwa bbażat fuq tliet assi: arkitettura tal-informazzjoni ċċentrata fuq l-utent, disinn tal-paġni li jiffaċilita n-navigazzjoni u jissodisfa standards għoljin ta' aċċessibbiltà kif ukoll reviżjoni sħiħa tal-kontenut b'lingwaġġ ċar u li jinftiehem, inkluż għal pubbliku mhux espert.

Is-sit il-ġdid joffri diversi innovazzjonijiet għall-benefiċċju ta' esperjenza aħjar għall-utenti, filwaqt li jinkludi d-dokumenti rilevanti kollha li diġà kienu disponibbli għalihom fil-verżjoni l-qadima.

Barra minn hekk, jospita żewġ elementi ċentrali għall-aċċess għall-informazzjoni: il-magna ta' tfittxija ġdida InfoCuria u l-programm awdjoviżiv tal-Qorti tal-Ġustizzja, CVRIA Web TV, li tnediet f'din l-okkażjoni.

Magna ta' tfittxija unika mtejba

Il-magna ta' tfittxija ġdida InfoCuria tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utenti għodda ċara, intuittiva u li tgħaqqad sorsi differenti (li tkopri l-kawżi pendenti u d-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet, iżda wkoll il-kontenut editorjali tas-sit), li toffri soluzzjoni moderna għall-esplorazzjoni tad-databases ġurisprudenzjali. It-tnedija tagħha għandha ssir f'żewġ stadji.

L-ewwel stadju jikkonsisti fit-tqegħid online mil-lum ta' verżjoni inizzjali li tippermetti li jsiru tfittxijiet skont approċċ simili għall-magni ta' tfittxija l-iktar użati fuq l-internet, li jirrigwardaw it-test sħiħ u/jew il-metadata tad-dokumenti. Din il-pjattaforma, iffokata fuq l-utent u iktar aċċessibbli, tinkludi diversi funzjonalitajiet ġodda (tfittxija approssimattiva, operaturi booleani, suġġerimenti b'mod awtomatiku, irfinar permezz ta' filtri għal oqsma differenti, iffiltra skont ir-rilevanza, test enfasizzat ...) li jiffaċilitaw l-użu tagħha u l-aċċess rapidu għall-informazzjoni.

It-tieni stadju ser ikun li tiġi pprovduta interface avvanzata, li bħalissa qed tiġi żviluppata, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-professionisti legali. Din għandha titniedi dalwaqt u ser tippermetti tfittxijiet

iktar immirati, abbażi ta' formola ta' tfittxija b'diversi kriterji li tinkludi b'mod partikolari l-oriġini tat-talba għal deċiżjoni preliminari, it-tipi ta' proċedura, id-deċiżjoni fir-rigward tagħhom, il-kulleġġ ġudikanti, l-Avukat Ġenerali jew anki l-Imħallef Relatur. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-verżjoni inizjali diġà tippermetti li jiġu rfinati r-riżultati li jirriżultaw minn tfittxija permezz ta' kliem gwida, permezz tad-diversi għażliet ta' filtri għal oqsma differenti li huma pprovduti.

CVRIA Web TV: inawgurazzjoni tal-pjattaforma awdjoviżiva l-ġdida tal-Qorti tal-Ġustizzja

Is-sit il-ġdid jinkludi spazju kompletament iddedikat għal novità: il-pjattaforma awdjoviżiva CVRIA Web TV, li qed titniedi f'din l-okkażjoni. Il-kontenut multilingwi mxerred fiha għandu l-għan li jtejjeb l-għarfien tal-Istituzzjoni mill-pubbliku ġenerali, iżid it-trasparenza dwar il-funzjonament u l-attività tagħha u jipprovdi materjal awdjoviżiv lill-midja.

Il-programmi ser ikunu strutturati madwar il-kalendarju ġudizzjarju: xandir dirett ta' għoti ta' sentenzi u preżentazzjoni ta' konklużjonijiet, briefings ta' seduti, trażmissjoni ta' seduti (b'mod differit), u videos ta' spjegazzjoni qosra magħmula mill-Membri.

Minbarra l-kopertura tal-aħbarijiet ġudizzjarji, ser jiġu prodotti u mxandra regolarment tliet programmi oriġinali fuq il-pjattaforma:

- **La Cour des citoyens (Il-Qorti taċ-ċittadini)**, programm edukattiv li jispjega l-kompożizzjoni, il-kompetenza u l-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u juri permezz ta' eżempji konkreti l-impatt tad-deċiżjonijiet tagħha fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini;
- **Open Court (Qorti miftuħa)**, li jagħti l-kelma lill-Membri tal-Istituzzjoni, fil-forma ta' intervisti li jitrattaw temi varji, dwar il-funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja jew suġġetti sostantivi;
- **Bright (Dawl)**, format qasir u divertenti li jenfasizza b'lingwaġġ sempliċi r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja f'oqsma ta' interess għaċ-ċittadini.

Il-programmi ta' CVRIA Web TV ser jiġu prodotti bil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni u jiġu ssottotitolati fil-lingwi l-oħra. Dawn ser jiġu kondiviżi wkoll fin-networks soċjali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!

